# Kunsill Reġjonali Lvant

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 10

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

It-Tlieta 9 ta' Awwissu, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa Maryanna Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, u mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manché, sabiex jinfurmawna li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

10.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittri ta' apoloġiji mressqa.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 9 li nżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

10.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, u sekondati Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

## 10.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Ftehim ma' Sliema A.S.C.*

10.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2022, ġie iffirmat il-kuntratt bejn dan il-klabb u r-Reġjun ħdejn il-pixxina. Il-klabb ser ikun qed iressaq dan il-kuntratt flimkien ma' l-applikazzjonijiet meħtieġa lill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

10.3.2 ***5:35pm – Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, flimkien mal-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa. Maryanne Abela, u l-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, waslu għal din il-laqgħa.***

10.3.3 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet domanda dwar id-*Development Planning Fund*, jekk każin fil-lokalità jkunx jistà japplika mal-Kunsill Lokali rispettiv sabiex jibbenefika mill-persentaġġ sħieħ tal-fondi.

10.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ikkonfermat li għaqda tistà tibbenifika mill-fondi ġaladarba hemm qbil u approvazzjoni mill-Kunsill rispettiv.

- *Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza*

10.3.5 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ma' l-Onor. Rebecca Buttigieg fl-uffiċċju tagħha, l-Belt Valletta.

10.3.6 Is-Sur Chircop spjega kif fost affarijiet oħra, huma tkelmu dwar kif jistà jkun hemm kooperazzjoni bejnhom flimkien ma' dan ir-Reġjun kif ukoll dwar il-proġetti li qed isiru mir-Reġjun b'mod speċjali fuq il-proġett li ser isir, 'The Write Way'.

- *E-Scooters*

10.3.7 Il-President spjega kif wara l-laqgħa li kienet nżammet fl-uffiċċju tar-Reġjun nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu 2022 dwar il-problemi ta' l-escooters, il-membri preżenti – il-President flimkien mas-Sur Max Zammit, is-Sur John Pillow, is-Sa Maryanne Abela, Dott. Albert Buttigieg, u dawk preżenti onlajn – is-Sur Noel Muscat, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai u Dott. Dean Hili – kien hemm qbil sabiex tissejjaħ konferenza stampa.

10.3.8 Is-Sur Chircop spjega kif din il-konferenza nżammet nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu 2022 fil-ġnien tal-balluta.

10.3.9 Il-membri preżenti kellkom diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett. Il-President issuġġerixxa sabiex terġa tinżamm laqgħa oħra mal-kumpaniji li jissuplixxu dawn l-escooters. Għal din ir-raġuni, s-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkoordina data u ħin sabiex tinżamm din il-laqgħa.

## 10.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

10.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 10.5 Rapporti

10.5.4 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 10.6 Sejħa Pubblika Reġjonali għal Ġbir ta' l-Iskart Domestiku

10.6.1 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President spjega kif nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2022 fil-qrati ta' Malta instemgħa l-każ dwar din is-sejħa u peress li ma kienx għad hemm deċiżjoni mill-qorti d-data ta' l-għeluq tat-*tender* ġiet estiża għat-2 t'Awwissu 2022.

10.6.2 Is-Sur Chircop qal ukoll kif nhar l-Erbgħa 3 t'Awwissu 2022, dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand Ganado Advocates kif il-każ ġie miċħud mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivelli.

10.6.3 Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss peress li s-sejħa ser tagħlaq nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022.

## 10.7 Vakanza għal Deputat Reġistratur u għal Clerk

- *Deputat Reġistratur*

10.7.1 Is-Sur Chircop informa lil-membri preżenti li fl-aħħar sejħa ma kien hemm l-ebda applikant eleġibli għal din il-pożizzjoni u kif għal din ir-raġuni ser nikkonsultaw ma' kumpanija privata biex tgħin f'dan l-ingaġġar. Aktar informazzjoni dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Clerk*

10.7.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti li kif nhar l-Erbgħa 3 ta' Awwissu 2022 dan ir-Reġjun kien irċieva t-tielet u l-aħħar lista ta' applikanti eleġibli mill-Jobsplus. Dawn l-applikanti għandhom iċ-ċans li japplikaw sa nhar is-Sibt 13 ta' Awwissu 2022.

10.7.3 Hu fakkar lill-membri kif jekk ikun hemm applikazzjoni, l-bord għandu jiltaqà b'mod immedjat sabiex jgħamel dan l-intervisti.

10.7.4 Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Uffiċjali Reġjonali*

10.7.5 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tnejn 1 t'Awwissu 2022, dan ir-Reġjun irċieva ittra ta' riżenja mingħand l-Uffiċjal Kulturali, is-Sa Nikki Demajo Albanese. Hu spjega kif l-aħħar ġurnata ta' xogħol hija nhar it-Tnejn 15 t'Awwissu 2022 u kif għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sur Simon Agius.

10.7.6 Għal dan il-għan wieħed mill-proġetti li xtaqna nikkonkludu lejn l-aħħar ta' din is-sena jrid jiġi temporanjament imwaqqaf. Madanakollu Nikki offriet li tkompli taħdem fuq dan il-proġett għall-prezz ta' €480. Il-kumpanija offriet li jista jsir xogħol pero l-informazzjoni trid tkun provduta fejn għal *bound* waħda takes 5 to 6 working days u for 1 day its 600 euros.

10.7.7 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni b'mod unanimu.

10.7.8 L-aħħar sejħa li nħarġet għalqet nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022. Nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2022 is-Sur Simon Agius infurmana kif d-Direttorat irċieva tlettax-il applikazzjoni. Dan ir-Reġjun għadu qed jistenna l-lista ta' dawn l-applikanti wara li jkun sarilhom l-iscreening interviews

10.7.9 Il-President qal kif jekk mas-sejħa li jmiss ma jinstabx persuna adekwata, hu ssuġġerixxa kif dan ir-Reġjun għandu jesplora l-għażla li tinħareġ sejħa esterna ma' kumpanija li tipprovdi dan is-servizz lir-Reġjun u lill-Kunsilli Lokali għal perjodu stipulat.

10.7.10 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 10.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2022 - Espressjoni ta' Interess - World Cleanup The World Campaign 2022*

10.8.1 B'Referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President spjega kif nhar l-Erbgħa 14 ta' Lulju 2022, dan ir-Reġjun irċieva din il-korrispondenza. Hu spjega kif din l-espressjoni ta' interess se tiffinanzja sa massimu ta' €3,000 (inkluża l-VAT) lil kull Kunsill Lokali. Din is-sena, il-ġurnata tal-World Cleanup Day se tiġi mfakkra nhar is-Sibt, 17 ta' Settembru 2022. Għaldaqstant, l-attivita'/attivitajiet ta' indafa li għalihom se jingħata lfinanzjament jistgħu jsiru bejn it-Tlieta, 13 ta' Settembru 2022 u l-Erbgħa, 21 ta' Settembru 2022.

10.8.2 Il-President inkoraġixxa lill-lokalitajiet sabiex jgħamlu kuntatt ma' l-Uffiċjali tar-Reġjun sabiex flimkien jissottomettu din l-applikazzjoni.

- *Tnedija ta' l-istrateġija kulturali tar-Reġjun*

10.8.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjal Maniġerjali ta' l-Ambjent u tal-Kultura kienu preżenti għal din it-tnedija nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022, ġewwa l-Università ta' Malta, il-Belt.

10.8.4 Is-Sur Chircop spjega li għandha ssir tnedija uffiċjali Reġjonali lejn tmiem din is-sena. Aktar dettalji dwar dan ser jingħataw malli dan ir-Reġjun ikolli d-dettalji mingħand Arts Council Malta.

- *Keleici Old Town Festival*

10.8.5 B'referenza għall-istedina li dan ir-Reġjun irċieva mingħand is-Sindku ta' Muratpasa sabiex jattendu għal dan il-festival bejn it-13 u s-16 ta' Ottubru 2022, il-President spjega li din ġiet diskussa fil-laqgħa ta' l-AKL nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022 u ġew nfurmata li kien hemm post għal 4 persuni u għal din ir-raġuni ser imorru s-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, is-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg, is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv, Jeanette Galea.

10.8.6 Il-President spjega kif ir-Reġjun ser ikun qed iħallas għall-biljetti ta' l-ajru. Il-Kunsill Lokali rispettiv ser ikun qed iħallas għas-*subsistance* allowance. Madanakollu is-Sur Zammit infurmana li ma setax joqgħod għall-perjodu kollu minħabba avveniment importanti, u għal din ir-raġuni kien hemm spiża ta' €98 biex inbidel wieħed mill-passaġġi.

- *Ċirkulari 7/2022 - Emendi fl-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali u Emendi fir-Regolamenti dwar Proċeduri għall-Gvern Lokali*

10.8.7 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President informa lill-membri li din il-komunikazzjoni waslet nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2022, mingħand id-Diviżjoni għal Gvern Lokali. F'din iċ-ċirkulari, hemm l-approvazzjoni uffiċċjali ta' l-istemma ta' dan ir-Reġjun kif ukoll b'dil fir-regolament dwar id-depożitu tal-flus li jrid isir mir-Reġjuni kif ukoll mill-Kunsilli Lokali.

- *Proġett 'Kisbiet Minsija'*

10.8.8 B'referenza għal dan il-proġett is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun għamel kuntatt mal-persuna kkonċernata sabiex ir-rappreżentazzjoni ta' siegħa tkun tistà ssir mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun permezz ta' attività organizzata mill-Kunsill stess.

10.8.9 Is-Sur Chircop spjega kif ġejna nfurmati li l-ħlas sabiex issir din ir-rappreżentazzjoni ser tkun differenti minn dak li kien miftihem meta din kienet ser tinżamm fid-djar ta' l-anzjani. Hu spjega kif dan il-grupp qed jitlob li jiġi mħallas €260.00 minflok ir-rata oriġinali ta' €80. Dan wara li dan ir-Reġjun ħa ħsieb jiffinanzja l-maġġoranza tal-finanzi nvoluta.

10.8.10 Wara li nżammet diskussjoni fit-tul dwar dan il-proġett u l-proposta mressqa, kien hemm qbil bejn il-membri sabiex tintalab direzzjoni mingħand l-avukat tar-Reġjun qabel ma tittieħed deċiżjoni.

- *Marigold Foundation*

10.8.11 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun irċieva nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu 2022 mingħand din il-Fondazzjoni sabiex tħeġġeġ lir-Reġjun iqajjem kuxjenza fil-kampanja tal-kanċer tan-nies f'Ottubru u ta' l-irġiel f'Novembru.

10.8.12 Is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun qed jieħu ħsieb jorganizza żewġ avvenimenti relatati ma' din il-kampanja – waħda ser tinżamm f'Ottubru u l-oħra f'Novembru li ġej. Aktar dettalji dwar dawn l-avvenimenti ser jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

- *Ċirkulari mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-tfal*

10.8.13 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President spjega kif nhar il-ħamis 4 ta' Awwissu 2022 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni sabiex jaraw min jixtieq jipparteċipa għal seminar ta' nofs ġurnata. Għal din ir-raġuni huwa ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għal dan is-seminar

- *Konferenza Stampa*

10.8.14 Il-President informa lill-membri dwar l-istedina li dan ir-Reġjun irċieva nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu 2022 mingħand is-Sa Jessica Meli f'isem is-Seregtarju Parlamentari għall-Gvern Lokali sabiex jinfurmawna dwar din il-konferenza stampa li ser tinżamm nhar l-Erbgħa 31 t'Awwissu 2022 fuq it-tnedija għall-proċess ta' konsultazzjoni tal-Gvern Lokali għall-iżvilupp ta' l-istrateġija tal-Gvern lokali u fejn l-attendenza tar-rappreżentanti tal-Kunsilli Reġjonali hija obligatorja.

10.8.15 Is-Sur Chircop spjega kif aktar dettalji dwar dan jingħataw fil-laqgħa li jmiss wara li tkun inżammet din il-konferenza stampa.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

10.8.16 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun irċeiva mingħand dan il-Kunsill nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2022, sabiex il-fondi b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet fil-lokalità jingħataw €840 lill-Kumitat Festi Esterni sabiex jintużaw għal meters tad-dawl fil-festa 2022, €660 spejjeż lill-Boċċi Club; €500 spejjes lill-Klabb tal-Ħamiem. Proġetti Kulturali, sports, mużika, Jum il-Lokal, Baned - €500.00 Soċjeta' San Pio X għal servizz Banda Festa 2022, €500.00 Sant'Andrija għal servizz Banda Festa 2022, €1,126.56 Għaqda tan-Nar San Mikiel dwar servizz ta' Fire Enginee Festa 2022.

10.8.17 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali tal-Pietà*

10.8.18 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun irċeiva mingħand dan il-Kunsill nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2022, sabiex jinżammu progetti b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet fil-lokalità fejn il-Kunsill Lokali għamel attività sportiva man-*nursery* tal-football tal-lokal. Is-Sur Chircop spjega wkoll kif il-Kunsill ser ikun qed jagħmel proġett mal-Għaqda Dilettanti Sajjieda u Baħħara Tal-Pieta` sabiex isir titjib fiż-żona fejn jiltaqgħu u xi promozzjoni oħra.

10.8.19 Il-President ressaq ukoll talba oħra f'isem dan il-Kunsill sabiex flimkien mal-Kummissjoni Festa Madonna tar-Ruzarju ta' Fatima u s-Socjetà Filarmonika Madonna ta' Fatima jinżamm kunċert mużikali li jsir kull sena fil-ġimgħa tal-Festa. Permezz ta' dawn il-fondi, il-Kunsill ser ikun qed jorganizza attivita' f'Jum il-Lokal.

10.8.20 Il-President ressaq ukoll talba oħra f'isem dan il-Kunsill sabiex jiġi rifondut lura spejjeż relatati ma' żewġ proġetti fejn kienu ġew installati fanali ġodda u dawl ieħor flimkien ma' sistema ġdida ta' *wiring* f'żewġ spazji pubbliċi fil-lokalità. Dawn huma il-Ġnien tat-Torpedo Depot fi Triq ix-Xatt u spazju fi Triq Marina viċin il-klabb tal-boċċi tal-lokal. Dawn kienu swew lill-Kunsill spiża konsiderevoli. Kif normalment jigri wara certu zmien, f'dawn iz-zewg progetti jinħtieġ li ssir manutenzjoni qawwija fuq is-sistemi tad-dawl li bil-fondi tal-Kunsill dawn ma jistghux isiru. Minħabba dawn il-ħsarat li hemm, ħafna mid-dawl huwa mitfi

u jidhru postijiet mitluqin fejn fihom jista’ jagħti lok għal abbużi. Għalhekk dan il-Kunsill qed iressaq din it-talba sabiex jiġi rranġat id-dawl ta’ dawn iż-żewġ spazji pubbliċi.

10.8.21 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b’mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta’ l-Iklin*

10.8.22 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun irċeiva mingħand dan il-Kunsill nhar it-Tnejn 8 t’Awwissu 2022, biex isir proġett ta’ titjib fil-lokalità jintużaw biex jitħallas proġett infrastrutturali fi Sqaq in-Namur, l-Iklin fejn sar bdil tas-servizz ta’ lilma, servizzi oħra, u wiċċ ġdid bil-materjal tal-concrete skond l-perit tal-kunsill Lokali ta’ l-Iklin. Id-dokumentazzjoni provduta ġew verifikati u dan il-pagament ta’ rimborż ġie inkluż fl-iskeda ta’ ħlasijiet.

10.8.2 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b’mod unanimu.

10.8.3 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar dawn il-fondi sabiex kull Kunsill jgħamel użu tajjeb minnhom.

- *Malta Cooperative Federation*

10.8.4 B’referenza għall-laqgħa li l-bord kellu mar-rappreżentanti ta’ din il-federazzjoni nhar it-Tnejn 13 ta’ Ġunju 2022, dan il-bord kien qed jistenna laqgħa li kellha tinżamm bejn id-Dipartiment tal-kuntratti u l-din il-kooperattiva nhar il-Ħamis 11 ta’ Awwissu 2022. Madanakollu l-bieraħ ġejna nfurmati li din il-laqgħa kella tiġi pposponuta għax id-Dipartiment tal-Kuntratti ma setgħux.

10.8.5 Aġġornament dwar dan jingħata li jkun hemm feedback dwar dan.

- *Sash għal-President*

10.8.6 Il-President informa lill-membri preżenti kif, minħabba l-bdil fl-emblema, dan ir-Reġjun għandu bżonn jerġa jordna *sash* ġdida u kif għal din ir-raġuni l-uffiċċju avviċina lis-Sur Mohammed Ali Haboubi.

10.8.7 Is-Sur Ali Habboubi jista jgħamel din is-sash għall-prezz ta’ €580.

10.8.8 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni b’mod unanimu.

- *Sports Day*

10.8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta’ fotografu għall-dan l-avveniment li ser jinżammu fuq tliet ijiem f’Novembru 2022.

10.8.10 Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjoni offruta mis-Sur Roberto Runza.

10.8.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqe tliet kwotazzjonijiet oħra għall-servizz ta’ ambulanza waqt li jkunu qed jinżammu l-isports days.

10.8.12 Il-membri preżenti approvaw l-unika kwotazzjoni provduta mingħand Emergency Malta Private Medical Services peress li kumpanija oħra ma rrisponditx għat-talba u kumpanija oħra nfurmata li ma kienitx tistà tipprovdi dan is-servizz.

- *Reġjun Kulturali*

10.8.13 Il-President informa lill-membri preżenti dwar stedina għall-laqgħa mill-SPI li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għandu nhar il-Ħamis 11 t'Awwissu 2022. Għal din il-laqgħa ser tkun preżenti l-Onor Alison Zerafa Civelli peress li mis-sena d-dieħla l-iskema dwar Belt Kulturali ser tkun mibdula biex jintagħżel Reġjun Kulturali.

10.8.14 Is-Sur Chircop spjega kif għal dan il-għan kull Kunsill Reġjonali ser jingħata opportunità li jtella programm ta' attivtajiet kulturali permezz tal-lokalitajiet fi ħdanu. Dettalji dwar din il-laqgħa għandhom jingħataw fil-laqgħa li jmiss madanakollu hu spjega li jekk din l-għażla ssir bix-xorti, hu ssiġġerixxa li dan ir-Reġjun ma jkunx magħżul għas-sena d-dieħla peress li dan ir-Reġjun diġa ġie magħżul għal European Region of Sports 2023.

10.8.15 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 10.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

10.9.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 8A u 8B.

10.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 10.10 Mozzjonijiet

10.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 10.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:26 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2022.

10.11.2 Minħabba li fil-preżent dan ir-Reġjun qed iżomm il-laqgħat tar-Reġjun ġewwa l-Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti fuq id-dati tal-laqgħa li għandhom jinżammu sa' l-aħħar tas-sena 2022.

10.11.3 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex il-laqgħat tar-Reġjun jinżammu nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru 2022, nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022 nhar it-Tnen 19 ta' Diċembru 2022.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' Settembru, 2022.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |